**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Etienne Ciantar**

**Każ Numru: 2712/24**

**Ref: 8/POL/6303/2023**

**Illum is-6 ta' Jannar, 2025**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **Etienne Ciantar**, iben Anthony u Anthonia nee' Camilleri mwieled nhar it-13 ta' Ottubru, 1982 u li jirrisjedi fil-fond 76, Old Trafford Crt, Fl1, Triq in-Naxxar, San Ġwann u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 577482M talli b'diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmulha b'riżoluzzjoni waħda għax-xhur ta' **Lulju 2023 sa' Settembru 2023** meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt inqast li tagħti lil **Christina Caruana** u / jew lil uliedek is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u / jew għall-ulied fi żmien 15-il jum min dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament:

1. Affidavit ta' PC 593 Christian Edris[1];
2. Okkorrenza bir-referenza 8/POL/6303/2023[2];

Rat li waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024[3], l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjoni hekk kif dedotti fil-konfront tiegħu;

Rat li din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ċioe' wara li l-imputat waqt is-seduta tas-6 ta' Mejju, 2024 wieġeb li hu ħati, wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba tiegħu u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid jerġa' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-Avukat tiegħu li l-Qorti għaddiet sabiex tagħti każ din l-ammissjoni tiegħu.

Il-Qorti ma tqisx illi hemm raġuni tajba *ai termini* tal-Artikolu 392A(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta biex tiddubita li *nonostante* l-ammissjoni tiegħu, l-imputat effettivament m'huwiex ħati tar-reati addebitati lilu. Il-Qorti tqis, għalhekk, li l-akkużi huma sodisfaċjentement ippruvati.

Semgħet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiża jitrattaw fuq il-piena;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment il-provi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

L-akkuża li biha hu mixli l-imputat fil-kawża odjerna u ċioe' li naqas milli jivversa l-manteniment iffissat u dovut lil Christina Caruana għax-xhur ta' Lulju 2023 sa' Settembru 2023 tinkwadra ruħha taħt l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

---

[1] Ara a fol 2 *et seq* tal-proċess
[2] Ara a fol 5 *et seq* tal-proċess
[3] Ara a fol 7 tal-proċess

"***Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min.... meta hekk ordnat minn xi qorti jew hekk marbut b'kuntratt jonqos li jagħti lil xi persuna, is-somma ffissata minn dik il-qorti jew stipulata fil-kuntratt bħala manteniment għal dik il-persuna fi żmien ħmistax -il jum minn dak il-jum li fih, skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma***".

Skond l-istess akkuża, tali reat jinkwadra ruħu wkoll taħt l-Artikolu 18 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid hekk:

"***Meta d-diversi atti magħmulin mill-ħati, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, dawn l-atti jitqiesu bħala reat wieħed, imsejjaħ reat kontinwat, iżda l-piena tista' tiżdied minn grad sa żewġ gradi***".

Illi għalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tara li m'għandhiex triq oħra ħlief li tiddikjara li l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat ġiet sodisfaċentement pruvata.

Għal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti, ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li bih qed jiġi mixli l-imputat u li minkejja l-fatt li l-akkuża tmur lura sa' Lulju 2023, l-imputat baqa' ma ressaq ebda prova ta' ħlas ta' manteniment għax-xhur in kwistjoni (lanqas fil-mori tal-kawża) minkejja li *ai termini* tal-verbal tas-6 ta' Mejju, 2024[4] u għall-finijiet ta' piena, l-partijiet b'mod konġunt jew il-*parte civile* waħedha ġew awtorizzati jintavolaw nota li permezz tagħha jinfurmaw il-Qorti jekk ikun sar il-pagament. Ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt li l-imputat irreġistra ammissjoni u b'hekk il-Qorti ma kellhiex għalfejn tuża r-riżorsi u l-ħin tagħha sabiex tisma' x-xhieda fuq il-mertu bir-riżultat li ġie frankat ħafna xogħol u spejjeż inutili għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja. F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**[5] u **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**[6]. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammissjoni saret mingħajr ebda riservi u/jew kondizzjonijiet.

---

[4] Ara a fol 7 tal-proċess
[5] Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 ta' Frar 1997
[6] Qorti tal-Appell Kriminali, [7.7.2002]

**Decide**

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikolu 7(2), l-Artikolu 18, l-Artikolu 31(1)(g) u l-Artikolu 338(z) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta **fuq ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tiegħu stess issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni hekk kif dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għal xahar priġunerija**.

**MAĠISTRAT DR. ABIGAIL CRITIEN**

**B.A., Trib. Eccl. Melit., LL.M. (Family Law) (Lond), LL.D.**